MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 97/1997/3

Arthur Bajada
vs
L-Onorevoli Prim Ministru, Il-Ministru tat-Turizmu, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2002 gie kjamat fil-kawza d-Direttur tad-Dipartiment tat-Turizmu

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat fil-25 ta' Awissu 1997 fejn wara li r-rikorrent ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tas-16 ta' Novembru 1992 huwa kien sfurzat jirrizenja mill-kariga ta' Professional Officer I.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor li gej:

1. Ir-rikorrent applika debitament ghall-kariga ta' Professional Officer I (Food & Beverages) u dan wara li kellem lid-direttur, il-Professur De Mauro u dan infurmah li Edwin Borg, li allura kien misluf minn dipartiment iehor, cioe' tal-Edukazzjoni kien sejjer jitlaq u ghalhekk ir-rikorrent kien ikun jista jiehu postu gewwa Ghawdex.

2. Ir-rikorrent mar ghall-interview fit-28 ta' April 1992 u ntghazel; u beda jmur Malta. Is-sur Edwin Borg telaq u ta' l-handover lir-rikorrent tal-ITS Qala Training Centre u tal-Hostel. X'hin ghaddew il-vakanzi tas-sajf tal-ghalliema, is-Sur Borg irritorna u qali li huwa ma kien sejjer ikun responsabbli ta' xejn. Sadanittant infurmaw lir-rikorrent li kellu jibqa jmur ghax-xoghol Malta. Ir-rikorrent irrifjuta li jaghmel dan billi kien il-persuna responsabbli kif fuq inghad.

3. In vista ta' dan, billi r-rikorrent huwa Ghawdxi u residenti Ghawdex huwa kellu jirrizenja fis-16 ta' Novembru 1992 u ta' l-handover tar-responsabilitajiet tieghu, inkluz l-inventarju tal-iskola u l-Hostel.

4. Malli r-rikorrent irrizenja bdew jigu impjegati ghalliema Maltin kif ukoll strangieri biex jaghmlu x-xoghol tieghu u dan bi spejjez kbar li r-rikorrent biex jaghmlu x-xoghol tieghu u dan bi spejjez kbar li r-rikorrent jikkalkula li kienu jammontaw ghal bejn Lm27 u Lm30 kuljum inkluzi spejjez ta' karozzi tal-kiri u noll tal-vapur.

Illi r-rikorrent ma ntbghatx Malta ghall-esigenzi tas-servizz imma ghal ragunijiet li huma totalment estranji u irrelevanti u dan b'dannu kbir ghalih.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jirrakomanda rimedju kompensattiv billi r-rikorrent jinghata b'effett retroattiv l-imsemmija kariga u fin-nuqqas jinghata kumpens ta' Lm5000 .

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fejn wiegeb illi:

1. Illi fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita' ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju jinghad li fil-25 t'Ottubru 1991 kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-mili ta' postijiet ta' Professional Officer II, Professional Officer IIA, Professional Officer I u Assistant Lecturer fl-Istitut ghall-Istudji dwar it-Turizmu, St. George's. Isem ir-rikorrent jider fil-lista ta' l-applikanti ghall-post ta' Professional Officer I fil-qasam tal-Food & Beverage Service.

3. Illi mir-rapport tal-Bord ta' l-Ghazla jidher li r-rikorrent gie l-ewwel post b'56 marka u fil-fatt gie rrakkomandat mill-Kummissjoni fis-16 ta' Gunju 1992. Il-Prim Ministru iffirma r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fit-22 ta' Gunju 1992.

4. Illi l-allegazzjonijiet u l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent m'ghandhom ebda relazzjoni ma' l-operat tal-Kummissjoni u din ma taf xejn dwarhom.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tal-Prim Ministru u l-Ministru tat-Turizmu li wiegbu illi:

Illi fil-25 ta' Ottubru 1991 harget sejha ghall-applikazzjonijiet (Govt Gazette Nru 15499) mill-Kummissjoni dwar is-Servizzi Pubblici ghall-mili tal-postijiet ta' Professional Officer I, Professional Officer 1A, Professional Officer II u Assistant Lecturer.

Illi fl-applikazzjoni msemmija fuq kien indikat car li l-postijiet kienu fl-Istitut ghall-Istudji dwar it-Turizmu, St.

George's Malta.  Qatt ma kien hemm indikat li l-persuna maghzula tintbaghat tghallem Ghawdex.  Tant hu hekk illi fl-istess sejha ghall-applikazzjonijiet kien indikat …..".  Il-kandidati li jintghazlu jistghu jkunu mehtiega li jaqdu dmirijiet ukoll f'Ghawdex.

Illi l-korsijiet li kien jinzammu fil-Qala Ghawdex kienu biss fuq bazi ta' part-time u li Dipartiment qatt ma kellu l-hsieb li jimpjega fuq bazi ta' full time Professional Officer I biex jaqdi dmiru Ghawdex.
Illi l-vakanzi kollha li kien hemm u li gew approvati mill-ufficcju tal-Prim Ministru u mill Ministeru tal-Finanzi kienu ghal ghalliema ta' l-Istitut f'Malta u dan kien indikat car fis-sejha ghall-applikazzjonijiet.
Illi s-Sur Bajada ma accettax il-hatra ta' Professional Officer I (Food & Beverages) ghax ma riedx jghallem Malta imma ried bilfors jghallem Ghawdex.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qieghed jilmenta illi gie ngustament negat lilu pozizzjoni ta' Amministrazzjoni fl-iskola ta' ITS go Ghawdex, meta kien appuntat propju biex iservi f'dik il-pozizzjoni wara r-rizenja tal-persuna illi kienet taghmel dan ix-xoghol qablu.  Il-hatra tar-rikorrent tirrisali minn sejha fil-gazzetta tal-Gvern (fol 127) fejn il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku kien qed jistieden applikazzjonijiet ghal postijiet ta' Professional Officers u Assistant Lecturers fl-Institute of Tourism Studies, St George's Bay San Giljan.  F'paragrafu 5 ta' din is-sejha hemm specifikament imsemmi illi "successful candidates will also be required to perform duties in Gozo."  Sar interview mar-rikorrent fit-28 ta' April 1992 u l-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku harget rakkomandazzjoni illi r-rikorrent kellu jkun appuntat bhala Professional Officer I.

B’ittra dattata 7 ta’ Lulju 1992 (fol 16) is-Segretarju Parlamentari tat-Turizmu l-Onorevoli Dr Michael Refalo, informa lir-rikorrent b’mod ufficjali illi huwa inghata l-grad ta’ Professional Officer I b’sehh mis-7 ta’ Lulju 1992 u gie moghti istruzzjonijiet sabiex jaqdi d-doveri tieghu f’San Gorg, Malta. Ir-rikorrent jghid illi gie mhajjar japplika ghal din il-pozizzjoni mill-Professur De Mauro li dak iz-zmien kien id-Direttur ta’ l-ITS sabiex jiehu post Edwin Borg wara li dan jitlaq mill-pozizzjoni li kellu fl-ITS gol-Qala Ghawdex. Ftit wara li nghata l-hatra, r-rikorrent mar Ghawdex fil-Qala training centre, iddentifika ruhu bhala parti mill-istaff ta’ l-ITS u ha handover minghand Edwin Borg fis-sens illi sar inventarju ta’ l-affarijiet li Borg kien se jhalli warajh. Ir-rikorrent ghamel is-Sajf kollu l-Qala jiehu hsieb it-Training Centre u l-Hostel u beda jahseb biex jorganizza l-korsijiet, izda meta ghadda s-Sajf, Borg rega gie lura Ghawdex u r-rikorrent gie mitlub jigi Malta. Ghalhekk sar rifjut min-naha tar-rikorrent peress illi qal li huwa Ghawdxi u residenti go Ghawdex u ried jibqa’ Ghawdex.

Peress illi baqa’ ma sarx arrangament bejnu u bejn l-Awtoritajiet, ir-rikorrent baghat ir-rizenja tieghu fis-16 ta’ Novembru 1992. Jghid illi wara li telaq bdew jigu mpjegati ghalliema Maltin u barranin bi spejjez kbar ghad-Dipartiment, jghid ukoll li t-trasferiment tieghu minn Ghawdex ghal Malta ma kienx ghall-ezigenzi tas-servizz u talab rimedju ghal dan it-trasferiment illi qal li kien diskriminatorju u pregudigattiv fil-konfront tieghu.

Ikkunsidra

Il-kwistjoni tar-rikorrent fil-Qala Training Centre mhijiex daqshekk facli kif donnu irid ipingi l-istess rikorrent. It-Tribunal irid izomm dejjem quddiem ghajnejh it-termini ta’ l-ingagg tieghu. M’hemmx dubju li r-rikorrent gie appuntat Professional Officer I biex jaqdi dmirijiet tieghu Malta pero`, seta’ ta’ l-kaz li jigi mibghut jaqdi xi dmirijiet Ghawdex. Dan huwa rifless fil-“letter of appointment” tieghu tas-7 ta’ Lulju 1992. Ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jippretendi drittijiet oltre dawk li beda bihom. Dan stabbilit,

it-Tribunal jghaddi biex jikkonsidra s-sitwazzjoni ta' l-ITS dak iz-zmien.

Din l-istituzzjoni bdiet topera l-ewwel darba f'Malta fl-1988 u meta r-rikorrent lahaq Professional Officer is-sitwazzjoni Ghawdex kienet ghadha fil-bidu nett. Ghall-ewwel il-korsijiet kienu dejjem fuq bazi part time u isiru fil-Kumpless tal-Forti Chambray imbaghad bdew fl-iskejjel primarji, fil-kaz ta' l-ITS intaghzlet l-iskola primarja tal-Qala, fejn ukoll fuq bazi part-time bdew jinghataw xi lectures. Il-Ministeru ghal Ghawdex beda jheggeg li c-centru ta' l-ITS f'Ghawdex jassumi aktar importanza u jkun hemm xi hadd responsabbli "on a full time basis" tieghu. L-Onorevoli Anton Tabone illi kien Ministru ghal Ghawdex bejn Mejju 1987 u Ottubru 1996 jiftakar dan il-kaz u fix-xhieda tieghu jghid li filwaqt illi jiftakar lir-rikorrent jiftakar ukoll id-diffikulta kbira li kellu sabiex jikkonvinci lil Ministru koncernat jibghat lir-rikorrent Ghawdex "on a full time basis", peress illi dak iz-zmien kienet il-policy tal-gvern illi l-korsijiet go Ghawdex jsiru dejjem fuq part time. F'dak l-istadju ma kienx hemm Professional Officer I fuq bazi full time go Ghawdex.

L-Onorevoli Tabone talab l-intervent tal-Ministru Refalo u fol 208 dan ta' l-ahhar jghid "jiena spjegajtlu lil siehbi li dik ma setghetx issir (il-hatra on a full time basis) ghaliex ma kinitx politika dak iz-zmien u anqas illum ma hi politika u qatt ma kienet politika min kien fil-gvern li Professional Officers jigu nominati ghal part time courses illi kienu jsiru f'Ghawdex. Professional Officers jew inkella Ghalliema jigu nominati ghal Institute f'Malta u l-part time courses isiru bis-servizzi professjonali illi jinghataw sew mill-part timers li b'kumbinazzjoni jkunu qeghdin Ghawdex jew inkella min-nies illi jkunu ntbaghtu minn Malta biex jghinu f'korsijiet li jinzammu fil-ferga tal-Qala. Il-fergha tal-Qala ma tatix korsijiet full time." Fil-waqt illi din kienet il-policy ufficjali tal-gvern, is-Sur James Rizzo li kien wiehed mid-Diretturi fis-Segretarjat tat-Turizmu bejn l-1987 u 1993 jghid li ghamel minn kollox sabiex jipprova jzomm lir-rikorrent "on a full time basis" go Ghawdex. Jirrikonoxxi pero illi kien hemm diffikulta, l-ikbar diffikulta kienet illi fl-estimi ma kienx hemm post ghar-rikorrent. Jigifieri fl-

ahhar budget ma kienx provigjon ghal hatra ta' Professional Officer full time ghal Ghawdex ghad illi fl-amministrazzjoni ta' l-istess centru kien hemm responsabiltajiet bizzejjed ghal dik il-hatra. L-istess Rizzo jghid li Edwin Borg kien jaghti lectures goc-centru izda ma kienx jamministra u illi r-rikorrent qatt ma seta' jiehu post Borg.

Id-diffikultajiet li kellu ma dan ic-centru huma aktar manifesti bid-dikjarazzjoni tieghu illi c-centru beda jitmexxa "by remote control" u sakemm irtira f'Awissu ta' l-1993 il-koordinazzjoni tac-centru qatt ma giet stabbilita. A fol 199 jghid "il-Qala Training Centre ma setghetx timxi wehida minghajr ma jkun hemm l-ebda bniedem responsabbli ghat-treggija taghha issa, Edwin Borg ma riedx jaccetta ir-responsabbilta biex imexxiha, Arthur Bajada kien jinzel tlett ijiem Malta u jumejn Ghawdex, u l-pozizzjoni ma kinitx felici xejn. Jiena tkellimt mal-Parlamentary Secretary tieghi u kont nitkellem ukoll mal-Minstru ta' Ghawdex. Il-Ministru ta' Ghawdex kien preokkupat hafna fuqha din il-bicca xoghol u xtaq u ghamilha cara illi jkun hemm amministrattur ghal Qala Training Centre u ma naf cert li ma kellu l-ebda objection ghal Arthur Bajada. Infatti kien jghidli: "Opprova ipperswadih lil Arthur Bajada" jiena kont nghidlu: "Jiena mhux lil Arthur Bajada ghandi nipperswadi lil xi haddiehor…."

Kwindi s-sitwazzjoni ta' l-ITS fic-centru tal-Qala Ghawdex dak iz-zmien kienet illi kien hemm xoghol bizzejjed sabiex jintbaghat persuna full time u jkun responsabbli ghall-amminstrazzjoni tal-post u l-youth hostel. Minhabba li l-post ma kienx wiehed kbir u sofistikat, persuna wahda kellha tkun bizzejjed ghal dan ix-xoghol u tipprepara korsijiet. Naturalment din trid tkun ta' certa livell, li kien jikkwalifika ghaliha r-rikorrent. Pero` l-pozizzjoni ufficjali ghal dik li hija policy tal-gvern kienet differenti u kienet ta' ostaklu ghal din is-sitwazzjoni. L-ewwel nett ghaliex l-estimi ma kienux jahsbu ghal pozizzjoni full time ta' Professional Officer fil-Qala u t-tieni sa dak iz-zmien ma kienx hemm Professional Officers li jaghtu s-servizzi taghhom f'Ghawdex.

Ghalhekk ir-rikorrent kien qed jigi mitlub minbarra illi jahdem Ghawdex jaghti l-kontribut tieghu l-ITS Malta u ghadda z-zmien gej u sejjer. Meta mbaghad rega tfacca fl-ahhar tas-Sajf Edwin Borg ir-rikorrent donnu telghalu u ddecieda illi jirrezenja mill-pozizzjoni illi giet moghtija lilu, ghax dehrlu li kellu jibqa Ghawdex. Ma jistax pero jilmenta li l-Awtoritajiet marru lura mill-weghda taghhom. Minn imkien ma rrizulta mill-process illi r-rikorrent gie mwieghed illi se jiehu post full time f'Ghawdex. Veru illi r-rikorrent jghid li gie mhajjar mill-Professur De Mauro sabiex japplika ghal pozizzjoni ta' Professional Officer I pero`, t-termini ta' din il-htra huma cari fis-sens illi r-rikorrent kellu jaghti s-servizzi tieghu go Malta u jekk jinqala il-kaz go Ghawdex. Dawn it-termini gew strettament osservati mill-amministrazzjoni ta' dak iz-zmien. Il-fatt illi r-rikorrent ircieva iventarju minghand Edwin Borg ma jaghtihx xi drittijiet oltre dak li huwa beda l-karriera tieghu. Il-hand over ta' l-inventarju sar b'mod volontarju u b'decizjoni unilaterali ta' l-istess Borg u ma torbotx l-amministrazzjoni.

Fix-xhieda tieghu a fol 43 Borg jghid "jiena kont ghazilt li naghtih hand over …." Veru li kien talab li jmur lura l-education Department, izda, peress li ma rcieva l-ebda risposta, kellu jibqa' fil-pozizzjoni li kien fiha. Ghalhekk kompla jaghti l-kontribut tieghu go Ghawdex billi jaghti lectures pero ma kienx qed jiehu parti fl-amministrazzjoni. Il-fatt li wara r-rizenja tar-rikorrent bdew tilghin ghalliema minn Malta bi spejjez konsiderevoli ghad-Dipartiment ma jbiddlux is-sitwazzjoni legali li kien fiha r-rikorrent u cioe dik ta' Professional Officer I illi kellu jaghti s-servizzi tieghu Malta.

M'hemmx dubju li c-centru tal-Qala kien sejjer jizviluppa u tenut kont is-sitwazzjoni ekonomika tal-pajjiz dak iz-zmien bid-dhul mit-turizmu jizdied, ic-centru kien ser jassumi importanza aktar u aktar fejn allura zgur kien mehtieg illi nies full time jattendu f'dan ic-centru. Li kieku r-rikorrent issaporta ftit m'hemmx dubju illi bil-backing li kellu mill-Ministeru, kien jispicca jaghti s-servizzi tieghu full time go Ghawdex pero, ir-rikorrent ghaggel wisq u kif ra li l-

affarijiet ma kienx sejrin kif ried hu, baghat ir-rizenja tieghu.

It-Tribunal jifhem l-ezasperazzjoni tal-Ministru Refalo dak iz-zmien meta b'ittra ta' spjegazzjoni tas-17 ta' Novembru 1992 (fol 9), il-Ministru Refalo jghid "Mr Bajada has proved to be most undependable and unreliable." Ir-rikorrent kellu kollox favur tieghu il-Ministeru ta' Ghawdex, is-Segretarjat tat-Turizmu, l-istess Ministru tat-Turizmu, is-sitwazzjoni ekonomika tal-pajjiz, il-fatt li t-turizmu kien dejjem qed jikber izda, fallitlu l-pacenzja u b'element ta' suppervja baghat rizenja f'Novembru 1992. Fl-istess ittra fuq msemmija l-Ministru Refalo jghid "as a matter of fact in order to assist Mr Bajada his teaching curriculum was arranged so as to allow him to perform duties in Gozo on some days per week and during most of the summer months was posted to Gozo practically all the time. When in October Mr Bajada was then requested to perform duties in Malta he attended for one day and went on sick leave."

It-Tribunal isibha ferm stramba illi issa wara li ghamel dak kollu r-rikorrent jippretendi li saret ingustizzja mieghu u di piu jitlob it-Tribunal jirrokamanda illi huwa jinghata l-pozizzjoni illi minnha volontarjament irrezenja (fol 178). It-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikorrent ma sofra l-ebda ingustizzja, it-termini ta' l-ingagg tieghu gew dejjem osservati izda ma kellux is-sabar jistenna "the natural cause of events" fejn mehud in konsiderazzjoni l-izvillupp fit-turizmu c-centru tal-Qala bilfors kellu jkun upgraded u l-estimi nazzjonali jiehdu dan in konsiderazzjoni u l-ghazla naturali kienet taqa' fuq ir-rikorrent. izda minflok, qabad u irrizenja. Ta' dan mhu responsabbli hadd hlief l-istess rikorrent illi ghandu jerfa l-konsegwenzi ta' eghmilu.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------